**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-it Tlieta 22 ta' Novembru 2016**

**App. Nru. 263/2013 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Rodrick Muscat**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Rodrick Muscat, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 436087(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer fil-lejl tas-6 ta' Ġunju 2010 għall-ħabta ta' l-10.20pm waqt li kien ġewwa Triq Sammat, Tarxien:

(a) irrenda ruħu kompliċi f'delitt billi b'xi mod li jkun, xjentement, għen jew assista lill-awtur fl-att li bihom id-delitt ġie ippreparat u kkunsmat, u dan bi ksur ta' l-artikolu 42(d) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(c) sar reċidiv wara sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-14 ta' Diċembru 2009 mill-Maġistrat Dott. C. Scerri Herrera LL.D, liema deċiżjoni saret definittiva;

(d) kiser il-kundizzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-perjodu operativ ta' sentenza sospiża.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta` ta' PC 599 Clive Mangion u l-familjari tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Liġi tirrevoka l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mogħti lil Rodrick Muscat u tordna l-arrest mill-ġdid ta' l-istess Rodrick Muscat, u dan ai termini ta' l-artikolu 579(3) tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' Mejju 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 579(2), 31, 49, 50 u 28A sa H tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imsemmi Rodrick Muscat ħati tal-imputazzjonijiet mmarkati bhala 'b', 'c' u 'd' u kkundannatu disa'(9) xhur priġunerija u ordnat l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' tmien mitt Ewro (€800) liema ammont ġie mħolli bħala depożitu skond id-digriet ta' għoti tal-ħelsien mill-arrest tas-27 ta' April 2010. B'applikazzjoni tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kodiċi Kriminali estendiet il-perijodu operattiv mogħti fis-sentenza tat-12 ta' Mejju 2010 għall-perijodu ta' erba'(4) snin mid-data tas-sentenza appellata. L-ewwel Qorti iddikjarat lill-istess Rodrick Muscat mhux ħati tal-imputazzjoni mmarkata bħala 'a' u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjoni;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Rodrick Muscat ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2013 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn instab ħati tal-imputazzjonijiet 'b', 'c' u 'd' u lliberatu mill-imputazzjoni 'a',tvarja l-piena inflitta, u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għall-fattispeci tal-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant għandu aggravju wieħed li huwa dwar il-piena li jqis eċċessiva għax, skond hu, setgħet ġiet imposta piena mhux karċerarja. Huwa jgħid:

"F'dan is-sens, fl-umli fehma ta' l-esponent l-ewwel Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv, u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalita` taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita`, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tallum. L-esponenti umilment jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, datata 25 ta' April 2006, per Onor. Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Farrugia, fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunita` a tenur tal-artikolu 11 tal-Kap 446. L-umli esponenti jirrileva li permezz tal-piena ta' prigunerija imposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti l-aspett riformattiv ma giex accennat, anzi l-appellant ihoss li l-piena ta' prigunerija li giet imposta fuqu aktarx tkun kontro-produttiva f'dan il-kaz.

"Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellant ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi mieghu, allavolja l-fedina penali tieghu bhala fatt ma hijiex wahda netta. Lanqas ma hija wahda llarmanti zzejjed.

"Fil-kawza Il-Pulizija vs Carmen Butler, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u disgha (2009), il-Qorti kristallizzat propju dan il-principju, u cioe` illi Qorti ta' Appell, ma tiddisturbax il-piena erogata minn l-Ewwel Qorti, **sakemm ma jigix manifestament pruvat illi l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz**, bhal fil-kaz in dezamina.

"F'dan l-istadju ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet ta' Il-Pulizija vs Charlot Aqulina, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sebgha (7) ta' Novembru, tas-sena elfejn u tmienja (2008). Fis-sentenza precitata, il-Qorti sahqet fuq il-bzonn, illi persuna **ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha**, la darba turi car illi hemm ir-rieda ta' bidla. F'dan il-kaz, ghalkemm l-akkuzi tieghu kienu ta' natura serja, l-aktar peress illi **akkuzat** bhal l-appellant **kien recidiv**, il-Qorti sahqet illi l-imputat kellu jinghata cans iehor billi tigi mposta fuqu ordni *ta' Probation*:

"'Ghal finijiet ta' piena il-Qorti kkunsidrat bir-reqqa kollha dovuta is-Social Inquiry Report esebit a fol. 104 et sequitur tal-process minn fejn jirrizulta li l-imputat kellu trobbija instabbli , **li huwa kellu problema serja ta' abbuz mid-droga.. u li huwa ilu ma jabbuza mid-droga b'mod kontinwu ghal dawn l-ahhar erba' snin.. li tul dawn l-ahhar erba' snin kienu qed isiru urine sample tests lill-imputat u dawn dejjem irrizultaw fin-negattiv…** Il-Qorti wara li kkunsidrat dan kollu jidhrilha li ghalkemm mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta li huwa inghata opportunitajiet rega' qabad it-triq il-hazina ghaliex kien ghadu jabbuza mid-droga, irrizulta wkoll li dawn l-incidenti jirrisalu ghal qabel is-sena 2003, u cioe` ghal qabel ma l-imputat beda u ttermina b'success il-programm residenzjali, **u ghalhekk l-imputat ghandu**

**jinghata l-ahhar opportunita` sabiex jirriforma ruhu u jaqbad definittivament it-triq it-tajba specjalment meta wiehed jikkunsidra li llum il-gurnata l-imputat** oltre li ttermina b'success il-programm residenzjali **ghandu xoghol stabbli u anki hajja famijari wkoll pjuttost stabbli**.'

"Fis-sentenza <u>Il-Pulizija vs Ritmar Hatherly u Justin Farrugia</u>, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-09 ta' Ottubru 2008, il-Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghal xi kazijiet ohra qalet hekk: 'Issa, ghalkemm huwa veru li Qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a dispozizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs George Farrugia</u>: "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhala. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellant illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati tal-Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-Qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-artikolu 5 kif ukoll l-artikolu 9 tal-Kap 152; il-bqija tal-kundanni, pero`, jinvolvu multi u habs..." Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni tal-appellat hija 'irriversibbli"– fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irreversibbilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Avukat Generali li Ordni ta' *Probation* hu indikat biss ghal 'first offenders' zghazagh. **Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfaccja fil-hajja ta' dik il-persuna *a window of opportunity* li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija.**"

"Inoltre in kwantu ghal dik li hija piena, wiehed ma jistax ma jaghmilx referenza ghas-sentenza moghtija kontra Clayton Azzopardi (datata il-5 ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012), per Magistrat Doreen Clarke, li minnha ma kien interpost ebda appell u b'hekk ghaddiet in gudikat) u li kien il-persuna li kkawza dan l-incident."

**6.** Issa, dan huwa każ fejn l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet (b), (c) u (d) wara li kienu nstemgħu l-provi kollha tal-prosekuzzjoni. Fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-

diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.

**7.** Fil-każ in eżami, ir-reat li għalih l-appellant ammetta huwa dak kontemplat fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali. Il-ksur f'dan il-każ kien jikkonsisti filli l-appellant ma osservax il-ħin li fih ġie marbut li jirtira d-dar skond digriet ta' ħelsien mill-arrest tas-27 ta' April 2010 fi proċeduri oħrajn li kien hemm pendenti kontra l-istess appellant. Minn dan id-digriet (a fol. 20) jirriżulta illi huwa kellu jirtira ġewwa d-dar fejn joqgħod mhux iżjed tard mit-8.00 p.m. u ma joħroġx minn hemm qabel is-7.00 a.m. ta' l-għada filgħodu.

**8.** Mill-provi rriżulta illi għall-ħabta ta' l-10.15 p.m./10.30 p.m. kien barra fil-kumpanija ta' ċertu Clayton Azzopardi f'Ħal-Tarxien. Dan Clayton Azzopardi kellu inċident ma' ċertu P.C. 599 Clive Mangion li fih, pero`, l-appellant ma pparteċipax.

**9.** Kif dejjem jingħad, id-digrieti tal-Qorti ghandhom jigu osservati skrupolożament u *ad litteram*. F'dan il-każ si tratta ta' digriet li bih l-appellant ġie akkordat il-ħelsien mill-arrest fis-27 ta' April 2010, liema digriet jikkontjeni numru ta' kundizzjonijiet li l-appellant aċċetta u ssottoskriva għalihom. Mill-provi ma jirriżultax li kellu xi raġuni valida jew ġustifikazzjoni biex ikun qiegħed barra wara l-ħin stabbilit. In-nuqqas tiegħu ma jistax jitqies li ma kienx ta' "konsegwenza serja" (art. 579(1)*proviso*), speċjalment meta b'tali nuqqas ġie li wettaq dan ir-reat fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża ta' priġunerija, minbarra li sar reċidiv.

**10.** Fiż-żmien in kwistjoni l-piena għall-imsemmi reat kienet tal-multa jew priġunerija għal mhux aktar minn sitt xhur jew dik il-multa u priġunerija flimkien, u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija seta' jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta.[1] L-ewwel Qorti mponiet il-piena ta' priġunerija fil-massimu biż-żieda ta' grad minħabba r-reċidiva minbarra illi ordnat il-konfiska tad-depożitu ta' €800 li kien għamel. Jiġifieri l-piena determinata mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-liġi. M'hemmx dubju li l-ewwel Qorti mbagħad kienet klementi ma' l-appellant meta ddeċidiet li tibdel il-perijodu operattiv oriġinali tas-sentenza sospiża b'perijodu ieħor ta' erba' snin.

[1] Bis-saħħa ta' l-Att VIII tas-sena 2015, il-perijodu ta' priġunerija huwa issa ta' mhux aktar minn erba' xhur sa sentejn, filwaqt li l-ammont tal-garanzija "għandu" jiġi konfiskat.

**11.** Fl-istess ħin din il-Qorti trid tqis ukoll li trid tinżamm ċerta proporzjonalita` bejn il-fatt u l-piena. Imbagħad din il-Qorti sejra tqis li l-appellant illum għandu xogħol regolari u diġa` serva perijodu ta]t arrest preventiv. Konsegwentement sejjer ikun hemm temperament fil-piena.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għall-piena ta' disa' xhur priġunerija u minflok tikkundannah seba' xhur priġunerija bit-tnaqqis taż-żmien li għamel taħt arrest preventiv. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b'dan illi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiża jibda jiddekorri millum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
D/Reg